MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1826/2002

**Grima Communications Limited**

**Vs**

**Simon Coleiro**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu Lm183.31c (mija u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghar-reklami li xxandru fuq Live FM skond il-ftehim.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ighid li s-servizz moghti ma kienx kif pattwit.

Ra x-xhieda ta' Joseph Grima li huwa Direttur tas-socjeta' attrici fejn ighid li l-istess socjeta' attrici kienet ghamlet kuntratt mal-konvenut biex jaghmlu reklami u qatt ma kien hemm ilmenti min-naha tal-konvenut dwar dan. Ighid li l-

konvenut qatt ma kien talab li jbiddel dan il-ftehim u jichad li kien hemm zewg kuntratti. Jikkonferma li ma kienx iffirma fuq il-kuntratt in kwistjoni. Jghid ukoll li min kien qed jipprezenta l-programm, il-kompjuter kien scheduled b'mod li jibbroadkastja dawn ir-reklami awtomatikament.

Ra r-Rikors ta' Simon Coleiro fejn talab differiment.

Ra illi l-konvenut qatt ma ressaq, xehed jew ipprezenta xi provi ghalkemm kellu diversi opportunitajiet.

Fic-cirkostanzi t-talba attrici hija gustifikata u mhix kontestata bil-provi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm183.31c (mija u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) bl-imghax mid-data tal-31 ta' Jannar, 1999.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------